Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,217, 21 ta' Ġunju, 2019
Taqsima B

A.L. 131 tal-2019

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2019 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Traditional Chinese Medicine and Culture – M.TCM - taħt il-patroċinju taċ-Ċentru tal-Mediċina Ċiniża Tradizzjonali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord taċ-Ċentru tal-Mediċina Ċiniża Tradizzjonali bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 8 (b)(v) tal-Istatut taċ-Ċentru, li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2019 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master in Traditional Chinese Medicine and Culture – M. TCM - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master in Traditional Chinese Medicine and Culture – M. TCM - taħt il-patroċinju taċ-Ċentru tal-Mediċina Ċiniża Tradizzjonali, ippubblikati bħala Avviż Legali 86 tal-2016, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2019 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Il-paragrafu (2) li ġej għandu jidħol wara l-paragrafu (1) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali:

"(2) L-applikanti li m'għandhomx grad tal-ewwel ċiklu fi professjonijiet tal-kura tas-saħħa iżda li għandhom kwalifiki oħra fil-Mediċina Ċiniża Tradizzjonali ta' livell aċċettabbli mill-Bord tad-Dħul tal-Università u suffiċjenti biex jikkwalifikaw għar-reġistrazzjoni bħala prattikanti tal-Mediċina Ċiniża Tradizzjonali (jew akupunturisti) ma' korp ta' reġistrazzjoni nazzjonali (il-Kunsill għal Professjonijiet Kumplimentari għall-Mediċina jew korp ekwivalenti tal-Unjoni Ewropea) għandhom ikunu kkunsidrati wkoll."

4. Il-paragrafi (2) u (3) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (3) u (4).